MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2004

Appell Kriminali Numru. 53/1995/3

Il-Pulizija
Vs
Joseph Aquilina u Omissis

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli:
1) f'Ta' Qali, bejn it-12.1.1991 u l-14.1.1991, ikkommetta serq t'oggetti tal-fidda li l-valur taghhom jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000) mill-J.c.f. Jewellery ghad-dannu ta' Michael Mizzi, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur u vjolenza numerika;
2) fir-Rabat, Malta fl-24.1.1991 ikkommetta serq ta' oggetti tad-deheb li l-valur taghhom hu ta' izjed minn l-elf lira Maltin (LM1000) minn fond "Tal-Glossy", Ta' Srina Road, Rabat, Malta, ghad-dannu ta' Peter Axisa, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, valur u lok;

3) f'Kordin, limiti ta' Rahal il-Gdid bejn it-13.10.1990 u l-15.10.1990 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Delta (Malta) Ltd, li qeghda fil-Qasam Industrijali ta' Kordin, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz u valur;
4) fil-Gudja fil-15.9.1990 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Carmelo Cassar Ltd, li qeghda f'Tarxien Road, Gudja, ghad-dannu ta' Carmelo Cassar, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u valur;
5) f'Bulebel, limiti taz-Zejtun, bejn is-7.9.1990 u l-10.9.1990 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika F. Coupe & Sons li qeghda fil-Qasam Industrijali ta' Bulebel, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u valur;
6) fid-19.1.1991 f'Ghajn Dwieli, Bormla, kkommetta serq ta' karozza ta' l-ghamla Escort nru, J 2983 li l-valur taghha jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) ghad-dannu ta' Grezzju Seychell, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur u bix-orta tal-haga misruqa;
7) f'Tal-Balal, limiti ta' Birkirkara, fis-26.1.1991 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-mitt lira Maltin (LM100) izda anqas minn elf lira Maltin (LM1000) mill-Vibes Discotheque li qieghed f'Ghargur Road, Birkirkara, ghad-dannu ta' Mario Grech, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz u valur;
8) f'Ta' Cejlu, limiti tal-Belt Valletta, fis-26.1.1991 ikkommetta serq ta' karozza ta' l-ghamla Mini Minor nru. S 1836 li l-valur taghha jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) ghad-dannu ta' Mario Corso, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur u xorta tal-haga misruqa;
9) bejn id-9 u t-12.11.1990 ikkommetta serq ta' flus u oggetti ohra li l-valur taghhom jiskorri l-ghaxart elef liri Maltin (LM10,000) mill-fabbrika Imperial Products Ltd, li qeghda fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz u valur;
10) f'Kordin matul il-lejl ta' 1/2.11.1990 ikkommetta serq ta' kwantita' ta' jeans li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira

Maltin (LM1000) mill-fabbrika S.J.I. Clothing Industry li tinsab fil-Qasam Industrijali ta’ Kordin limiti ta’ Rahal il-Gdid, ghad-dannu tal-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur u hin;
11) fil-Marsa, bejn il-lejl ta’ 12/13 t’Ottubru 1990, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Sanga Ltd li qieghed fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, ghad-dannu ta’ l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur u hin;
12) f’San Gwann bejn it-12 u l-14.12.1990 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Persal Ltd li qeghda fil-Qasam Industrijali ta’ San Gwann ghad-dannu ta’ l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz u valur;
13) f’Birkirkara fit-8.2.1991 ikkommetta serq ta’ karozza ta; l-ghamla Triumph Nru. D 8301 li l-valur taghha jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000) ghad-dannu ta’ Stephen Cassar, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur u xorta tal-haga misruga;
14) f’Ricasoli bejn il-11 u t-12.7.1990 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-mitt lira Maltin (LM100) izda mhux izjed minn elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika G.P.A. Kimiki Ltd, li qeghda fil-Qasam Industrijali ta’ Ricasoli, limiti tal-Kalkara, ghad-dannu ta’ l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz u valur;
15) f’Ricasoli bejn l-20 u t-23.9.1990 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-mitt lira Maltin (LM100) izda mhux izjed minn elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Medisan li qeghda fil-Qasam Industrijali ta’ Ricasoli limiti tal-Kalkara, ghad-dannu ta’ l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz u valur;
16) f’San Gwann bejn it-22 u l-25.6.1990 ikkommetta serq ta’ kwantita’ ta’ zraben li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Quality Shoes ghad-dannu ta’ l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz u valur;
17) f’San Gwann fid-19.8.1990 ghall-habta tas-7.30 p.m. ikkommetta serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom

jiskorri l-mitt lira Maltin (LM100) mill-fabbrika Quality shoes li qeghda fil-Qasam Industrijali ta' San Gwann, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur u hin;
18) fl-Imriehel bejn id-19 u l-20.1.1991 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-mitt lira Maltin (LM100) izda anqas minn elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Romatex Ltd li qeghda fil-Qasam Industrijali ta' l-Imriehel limiti ta' Hal-Qormi, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u valur;
19) f'Hal-Luqa bejn id-19 u l-21.1.1991 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Construct Furniture/Alum Plast li qeghda fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Luqa, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u l-valur;
20) matul dawn l-ahhar xhur f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara diversi oggetti misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reati, sew jekk dawn saru f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000).
21) Kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24.10.1990.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Frar, 1995 li biha, wara li rat l-Artikoli 18, 261 (a)(b)(c)(e)(f)(g), 262 (1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 269, 271, 277 (b), 279 (b) tal-Kodici Kriminali, l-Artikoli 338 (dd)(bb), 95 (1) u 96 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 10 (1)(a) tal-Kap. 152, u l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, illiberat mill-akkuza dwar ricettazzjoni w hati tal-kumplament u kkundannatu ghal erba' snin prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Frar, 1995 li bih talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha timmodifika s-sentenza appellata u tipprovdi piena alternattiva ghal dik karcerarja.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti :- li l-piena fic-cirkostanzi tal-kaz kienet eccessiva u mhux idonea . L-

appellant kien ikkollabora hafna mall-Pulizija u kien ta' eta' tenera. Illi l-appellant kellu xi kazi ohra pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali , fejn , minhabba c-cirkostanzi specjali , gie nominat welfare officer li hejja rapport dettaljat u rrakkomanda li l-appellant kellu jitpogga that probation intensiva ghaliex il-piena karcerarja tikkonduciu ghall-aktar hsara milli tajjeb;

Fliet l-atti kollha processwali ;

Rat l-izvilupp ta' din il-kawza quddiem din il-Qorti diversament preseduta ghal zmien esageratament twil ta' seba snin qabel ma dil-kawza giet assenjata lill-din il-Qorti kif issa preseduta;

Rat id-Digriet  Taghha tat-3 t' Ottubru, 2002 li bih issopprassjediet  sakem jigu decizi il-kawzi kostituzzjonali ntavolati minn zewg appellanti ohra f' din il-kawza.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 t' Ottubru, 2003;

Rat id-Digriet Taghha li bih ordnat ir-ri-appuntament tal-kawza ghall-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2003;

Rat id-Digriet Taghha tat-13 ta' Novembru, 2003 , fejn , fuq talba tal-Prosekuzzjoni, ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju minn appelli ohra ta' appellanti ohra fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Jesmond Cassar et."

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza w tal-Prosekuzzjoni fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2003;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ;

Ikkonsidrat ;

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti .

Illi  l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun

tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.)

Illi skond is-sentenza appellata l-appellant gie liberat mill-akkuza dwar ricettazzjoni u hati tal-kumplament u gie kkunndannat ghall-erba snin prigunerija. L-appellant ghalhekk gie nstab hati ta' mhux inqas minn tmintax (18) il-serqa f' periodu ta' ftit xhur bejn l-ahhar tas-sena 1990 u l-bidu tal-1991 kif ukoll li kiser l-ordni maghmula taht l-artikolu 9 tal-Kap. 152 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali b' sentenza tal-24 t' Ottubru, 1990.

Illi mill-ezami tal-fedina penali tal-appellant jirrizulta li qabel ma kkommetta r-reati mertu ta' dan l-appell hu kien gja instab hati mill-Qrati darbtejn ta'diversi reati u darba minnhom gie liberat b'kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena bis-sentenza fuq imsemmija. Din il-liberazzjoni pero' donnha kienet tatu incentiv biex jimbarka fuq is-sensiela sfrenata ta' serq minn diversi postijiet proprju fil-granet, gimghat u xhur li hu gie fdat mill-Qorti .

Mhux biss imma addirittura anki wara l-kommissjoni tar-ratri mertu ta' dan l-appell , hu instab hati mhux inqas minn tlieta w erbghin (43) darba ta' reati serji bl-ahhar kundanna proprju fid-29 t' April, 2003 dwar reat kommess fil-15 ta' Marzu, 2003 fil-facilita' korrettiva tas-SATU. Minn dan kollu jidher car li l-appellant ma jridx ibiddel il-hajja refrattarja li qabad anzi kull ma jmur donnu qed jakkanixxi ruhu mill-kriminalita' , u dana minkejja id-diversi opportunitajiat li inghata mill-Qrati b' sentenzi fejn minnflok il-piena karcerarja indikata inghatatlu piena pekunjarja, jew liberazzjoni kondizzjonata jew sentenza ta' prigunerija sospiza. Gie ukoll kundannat hames darbiet ghall-diversi periodi ta' detenzjoni u hdax il-darba ghall-diversi periodi ta' prigunerija.

Illi certament l-istituzzjoni tal-probation mhux idonea ghall-kaz bhal dan fejn hu ovvju li l-appellant jghix fi sfida kontinwa ghall-ordinament guridiku . Anzi din il-Qorti hija ferm sorpriza kif wara sensiela ta' kundanni ghall-piena restrittivi tal-liberta' xi Qrati xorta wahda baqghu japplikaw fil-konfront tal-appellant dispozizzjonijiet that il-Kap.152 . Forsi dan hu attribwibbli ghall-fatt li meta jigu biex jaghtu s-sentenzi ma jkunux fil-pussess ta' fedina penali aggornata tal-persuna li tkun ser tigi sentenzjata. Prassi monka din li l-Prosekuzzjoni, sija jekk tkun qed issir mill-Avukat Generali kif ukoll jekk tkun qed issir mill-Kummissarju tal-Pulizija, tista' facilment tovvja ghaliha billi titlob u tinsisti li fl-ahhar stadju ta' kull kumpilazzjoni jew process tigi esebita fedina penali aggornata.

Illi ghar-rigward tas-sottomissjoni tal-abbli difensur maghmula fil-kors tat-trattazzjoni orali ghax ma tissemmiex b'mod specifiku fir-rikors tal-appell ghax fir-rikors tissemma biss l-“eta' tenera tal-appellant” , li l-appellant kien ghadu minorenni meta kkommetta r-reati mertu ta' din il-kawza w li dan ma giex rifless fis-sentenza appellata , din il-Qorti tirraviza li l-appellant twieled fil-5 ta' Lulju, 1975 u ghalhekk verament kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax il-sena meta kkommetta r-reati li taghhom instab hati mill-Ewwel Qorti. Huwa veru ukoll li meta l-Ewwel Qorti ikkonsidrat l-artikoli li tahthom kienet qed tinstab htija u artikoli ohra rilevanti ghall-applikazzjoni tal-piena , ma semmietx l-artikolu 37 tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa skond dan l-artikolu , jekk bhal fil-kaz in ezami , il-hati jkun ghalaq l-erbatax il-sena izda ma jkollux tmintax il-sena, il-piena applikabbli ghar-reat ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn. Illi imkien fis-sentenza appellata ma jidher li dan il-fattur ittiehed in konsiderazzjoni . Ghalhekk dan l-aggravju jidher fondat fid-dritt ghall-inqas.

Illi ma hemmx dubju li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti kienet tirrientra fil-parametri tal-ligi ghall-persuna li tkun ghalqet it-tmintax il-sena , bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kap.9 dwar ir-reat kontinwat . Pero' ladarba li l-Ewwel Qorti naqset li fis-sentenza appellata ssemmi li l-appellant kien ghadu minuri u f'-ebda parti ma nvokat l-applikazzjoini tal-artikolu 37 , din il-Qorti thoss li l-

appellant seta' bi zvista da parti tal-Ewwel Qorti gie michud minn dan il-beneficcju lilu moghti mill-ligi. Ghalhekk jidher li hemm lok ghall-temperament fil-piena li jkun jirrifletti tnaqqis **bi grad wiehed** mill-piena attwalment inflitta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma is-sentenza appellata billi tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal erba snin prigunerija u minnflok tikkundannah ghall-piena ta' tlitt (3) snin prigunerija w tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------